MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 362/2010

**Emilio Agius**
**(ID 483335M)**
**vs**

**Joseph Mangion (ID 265052M) f' ismu proprju u ghan-nom ta' P.J.P.C. Constructions Limited (C 10756)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 7 ta' Ottubru 2010 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jroddulu lura is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€ 11,646.87), gia hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) moghtija b' self, bl-imghax mit 8 ta' Settembru 2007.

Rat ir-risposta ippresentata fl-14 ta' Dicembru 2013 fejn, fuq bazi preliminari, eccepixxa l-imkompetenza ta' dina l-Qorti fuq bazi *ratione valoris* peress illi talbiet tal-valur mitlub kellhom jistemghu fil-Prim Awla tal-Qorti Civili. Fuq il-meritu, imbghad, ir-rikorrent eccepixxa illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi Joseph Mangion sahaq li, f' ismu proprju, qatt ma kellu ebda relazzjoni jew negozju ma' l-attur f' ismu izda dejjem bhala direttur tal-kumpannija konvenuta.

Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2011 l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati giet irtirata.

Semghet ix-xhieda ta' **Emilio Agius** moghtija fl-14 ta' Dicembru 2011 flimkien mad-dokument minnu esebit ta' cheque numru 3065 mahrug mis-socjeta PJPC Constructions Limited lir-rikorrent fit 8 ta' Settembru 2007 u li ma issarrafx mill-Bank.

Semghet il-kontro ezami ta' Emilio Agius moghtija fil 5 ta' Ottubru 2012, fis 17 ta' Mejju 2013 u fis 17 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Mangion** moghtija fis 17 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Melvin Pulis**, accountant ta' l-intimati, moghtija fis 17 ta' Frar 2014, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita minnu fis-seduta.

Semghet il-kontro ezami ta' Joseph Mangion u ta' Melvin Pulis illi sar fit 23 ta' Mejju 2014.

Rat illi fit 13 ta' Gunju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrenti ippresentati fid 19 ta' Awissu 2014.

Rat is-sottomissjonjiet ta' l-intimati ippresentati fit 22 ta' Settembru 2014.

Rat illi fit 22 ta' Settembru 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda talba mir -rikorrent sabiex l-intimati jroddu lura s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) liema somma ir-rikorrenti jishaq huwa silef lill-intimati.

Ir-rikorrent jistqarr illi huwa kien silef is-somma ta' ghaxart elef Liri Maltin lill-intimati u l-intimati kienu ghaddewlu zewgt cekkijiet, *post dated*, fl-import totali. Jistqarr ukoll illi, minn dawna z-zewgt cekkijiet, wiehed minnhom kien gie onorat mill-Bank filwaqt illi t-tieni wiehed ma kienx u kien ghalhekk illi huwa nieda l-proceduri odjerni.

L-intimat, da parte tieghu, sahaq illi, l-ewwel u qabel kollox, kwalsiasi relazzjoni kummercjali illi kellu mar-rikorrent kien dejjem f' isem il-kumpannija PJPC Constructions Limited u mhux f' ismu proprju.

L-intimat imbghad jistqarr illi huwa kien xtara propjeta minghand ir-ragel tat-tifla tar-rikorrent, ghal valur ta ghaxart elef Liri Maltin, u minn dina s-somma kien hallas nofshom lill istess ragel tat-tifla, certu Antonio Pantellaro, filwaqt illi n-nofs l-iehor kien hallashom lir-rikorrent.

L-intimat ikompli jghid illi, apparti dina t-transazzjoni, huwa kellu xoghol varju mar-rikorrent, fosthom ghamel xoghol ta' kostruzzjoni f' hanut illi kellu r-rikorrent gewwa Rahal Gdid. Jghid illi ir-rikorrent, meta sar il-kuntratt ta' xiri tal-propjeta' fuq imsemmi, kellu ukoll kont pendenti mas-socjeta intimata u ried jivverifikah. Kien ghalhekk illi s-socjeta intimata ghaddiet cekk iehor, ta' hamest elef liri Maltin, lir-rikorrent, li huwa kellu jzommu bhala garanzija sakemm jivverifika l-kont pendenti dovut lis-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Apparti x-xhieda moghtija miz-zewgt partijiet, ossija Emidio Agius u Joseph Mangion, kif ukoll ix-xhieda ta' l-accountant tas-socjeta intimata, Melvin Pulis, il-Qorti giet moghtija diversi dokumentazzjoni ippresentata miz-zewgt partijiet.

Tali dokumentazzjoni turi illi s-socjeta intimata dahhlet f' konvenju ta' Antonio Pantellaro, gia separat minn bint ir-rikorrent, fit 23 ta' Jannar 2007, sabiex tixtri porzjon diviza ta' art fabrikabbli gewwa Marsascala ghall-prezz ta' ghaxart elef Liri Maltin.

Jidher illi s-socjeta intimata harget zewgt cekkijiet b' numri konsekuttivi 2775 u 2776 li jgibu d-dati ta' 31 ta' Jannar 2007 u 10 ta' Frar 2007 rispettivament, lkoll fl-import ta' elf Liri Maltin. Sussegwentement s-socjeta intimata harget zewgt cekkijiet ohra b' numri konsekuttivi 2963 u 2964 li jgibu d-dati 16 ta' Gunju 2007 u 15 ta' Lulju 2007 rispettivament, lkoll fl-import ta' elf u hames mitt Liri Maltin. Dawna l-erbgha cekkijiet, fl-import totali ta' hamest elef Liri Maltin, lkoll inhargu f' isem Antonio Pantellaro u gew onorati mill-Bank.

Jidher illi fid 9 ta' Awissu 2007 is-socjeta intimata ghamlet il-kuntrtat finali ta' xiri tal-propjeta fuq imsemmija versu il-prezz ta' ghaxart elef Liri Maltin u hemm dikjarat illi filwaqt li l-ewwel hamest elef Liri Maltin gia thallsu, il-bilanc kellu jitallas sa mhux aktar tard minn xahar.

Jidher ukoll illi s-socjeta intimata, fit 8 ta' Settembru 2007, harget zewgt cekkijiet konsekuttivi 3064 u 3065, indirizzati din id-darba lir-rikorrent Emilio Agius, li minnhom ic-cekk numru 3064 fl-import ta' hamest elef Liri Maltin gie onorat mill-Bank filwaqt illi t-tieni cekk, ossija dak li jgib in-numru 3065 ma giex onorat u huw meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi ghalkemm iz-zewgt partijiet jaghtu verzjonjiet differenti ta' x' pagamenti kellhom isiru u fuq xiex, kif ukoll tul ix-xhieda taghhom biddlu il-verzjonijiet taghhom sabiex jikkorroboraw l-argumenti taghhom, jibqa dejjem il-fatt illi s-socjeta intimata PJPC Constructions Limited, u mhux l-intimat personalment, harget cekk fl-import ta' hamest elef Liri Maltin, ossija hdax-il ef, sitt mija u erbgha u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu, liema cekk baqa' ma giex onorat mis-socjeta intimata. Apparti minn hekk, il-kuntratti esebiti fil-Qorti ma jikkonfermawx il-verzjoni moghtija mill-intimati.

Il-Qorti tosserva li l-argument imressaq mis-socjeta intimata fejn tikkontendi li l-hlas da' parte taghha ta' hamest elef liri Maltin ma kien xejn hlief garanzija mghoddija mill-istess socjeta intimata lir-rikorrent sabiex ir-rikorrent ihallasha il-bilanc dovut lill-istess socjeta intimata ma tantx jaghmel sens.

Hija kemmxejn inverosimili illi wiehed jaghti ammont ta' flus bhala garanzija sabiex jjigi assikurat li huwa jithallas dak dovut lilu. Semmai, isir bil-maqlub.

Dana qieghed jinghad ghax is-socjeta intimata ikkontendiet illi hija kienet ghamlet xoghol lir-rikorrent fl-import ta' ftit aktar minn hdax-il elf Liri Maltin u minnu ir-rikorrent kien hallas sitt elef u tmien mitt Liri Maltin u kien fadal bilanc dovut lis-socjeta intimata mir-rikorrent ta' ftit anqas minn hamest elef Liri Maltin. Kien in vista ta' dana il-bilanc dovut mir-rikorrent lis-socjeta intimata illi l-istess socjeta intimata ghaddiet cekk ta' hamest elef liri Maltin lir-rikorrent allegatament bhala garanzija sabiex ir-rikorrent jivverifika jekk fadallux aktar flus x' jhallas.

Il-Qorti wisq tibza illi aktar milli garanzija ghall-hlas kif fuq deskritt, il-partijiet kienu ftehmu li c-cekk ma kellux jigi msarraf qabel mar-rikorrent jjivverifika il-kont tas-socjeta intimata u, wara illi r-rikorrent ghamel il-verifiki tieghu u kkonkluda li kien hallas bizzejjed u l-bilanc rikjest mis-socjeta intimata ma kellux jithallas, is-socjeta intimata irreagiet billi waqqfet ic-cekk ta' hamest elef Liri Maltin mahrug lir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa l-eccezzjoni ta' Joseph Mangion personalment fejn huwa sahaq illi ma kellu ebda relazzjoni kummercjali mar-rikorrent fuq bazi personali, u ghalhekk

Tillibera lill Joseph Mangion mill-osservanza tal-gudizzju

Tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijet tas-socjeta intimata P.J.P.C. Constructions Limited, u ghalhekk

Tilqa it-talbiet attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta P.J.P.C. Constructions Limited, u ghalhekk

Tikkundanna lis-socjeta P.J.P.C. Constructions Limited thallas lir-rikorrent Emilio Agius is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rappresentanti l-import ta' hlas dovut lir-rikorrent u rikonoxxjut permezz ta' cekk mahrug izda mhux onorat.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax dekoribbli mis-7 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta intimata P.J.P.C. Constructions Limited.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------